

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Frar 2018

**li ġġedded il-Bord Governattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali**

(2018/C 64/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra n-nomina ppreżentata mill-Gvern Lussemburgiż,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjonijiet tiegħu tal-14 ta' Lulju 2015 <sup>(2)</sup> u tal-14 ta' Settembru 2015 <sup>(3)</sup>, il-Kunsill ħatar il-membri tal-Bord Governattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-perijodu mit-18 ta' Settembru 2015 sas-17 ta' Settembru 2018.
- (2) Post ta' membru fuq il-Bord Governattiv taċ-Ċentru huwa disponibbli għal-Lussemburgu fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-Gvern bħala riżultat tar-riżenja tas-Sur Antonio DE CAROLIS.
- (3) Jenħtieġ li l-membri tal-Bord Governattiv taċ-Ċentru msemmi hawn fuq jinħatru għall-bqija tal-mandat attwali, li jiskadi fis-17 ta' Settembru 2018.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-persuna li gġejja hija b'dan maħtura membru tal-Bord Governattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-bqija tal-mandat, li jiskadi fis-17 ta' Settembru 2018:

RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN:

LUSSEMBURGU

Is-Sur Jean-Marie WIRTGEN

<sup>(1)</sup> ĠUL 39, 13.2.1975, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU C 232, 16.7.2015, p. 2.<sup>(3)</sup> ĠU C 305, 16.9.2015, p. 2.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2018.

Għall-Kunsill

*Il-President*

K. VALCHEV

---